# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu 2020**

**Numru 6**

**Ċitazzjoni numru 16/2006**

***Trident Developments Limited* u b'digriet tad-29 ta' Mejju 2017 l-isem tal-kumpanija Trident Developments Limited gie mibdul ghal Trident Estates Limited; u b'digriet tat-22 ta' Novembru 2018 l-isem tas-socjeta` gie mibdul ghal Trident Estates plc**

***v.***

**Joseph Cordina**

1. Dan huwa appell tal-konvenut minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Awissu 2006 li ċaħdet talba tiegħu biex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jressaq nota ta' eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi, u appell ukoll mis-sentenza fuq il-meritu li ngħatat fis-16 ta' Jannar 2014 li ikkundannat lill-konvenut jiżgombra minn art revindikata mis-soċjeta attriċi.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: b'ċitazzjoni preżentata fid-9 ta' Jannar 2006 is-soċjetà attriċi talbet l-iżgumbrament tal-konvenut minn biċċa art li tgħid li hija tagħha iżda li hija okkupata mill-konvenut. In-notifika taċ-ċitazzjoni saret f'idejn il-konvenut fit-18 ta' Jannar 2006 u għalhekk il-konvenut kellu jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu sas-7 ta' Frar 2006. in-nota tal-eċċezzjonijiet iżda ġiet preżentata l-għada, fit-8 ta' Frar 2006.

3. Is-soċjetà attriċi għalhekk b'rikors tal-15 ta' Frar 2006 talbet illi n-nota ta' eċċezzjonijiet titneħħa mill-inkartament u titqies li qatt ma saret. L-ewwel qorti, bla ma ordnat notifika tar-rikors lill-konvenut, laqgħet it-talba b'dikriet tas-17 ta' Frar 2006 "bla ħsara għal kull jedd ieħor talvolta spettanti lill-imħarrek skond il-liġi".

4. Il-konvenut b'rikors tal-15 ta' Marzu 2006 talab li l-qorti tħassar *contrario imperio* d-dikriet tagħha tas-17 ta' Frar 2006 u, wara li tqis ir-raġunijiet tiegħu għall-ġustifikazzjoni li jippreżenta l-eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi, tordna li n-nota ta' eċċezzjonijiet terġa' tiddaħħal fl-atti. L-attriċi wieġbet fit-23 ta' Marzu 2006 u l-qorti, b'sentenza tat-8 ta' Awissu 2006, ċaħdet it-talba. Is-sentenza tat-8 ta' Awissu 2006 tgħid hekk:

   »Il-qorti:

   »reġgħet rat ir-rikors;

   »rat it-tweġiba mressqa mill-kumpannija attriċi fit-23 ta' Marzu 2006:

   »tiċħad it-talba.«

5. Wara li semgħet ix-xiehda mressqa mill-attriċi u tat ukoll lill-konvenut illi jagħmel osservazzjonijiet bil-miktub kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-

Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-ewwel qorti bis-sentenza tas-16 ta' Jannar 2014 laqgħet it-talbiet tal-attriċi u ordnat l-iżgumbrament tal-konvenut mill-art li dwarha saret il-kawża.

6. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-konvenut talab it-tħassir kemm ta' dak li hu sejjaħlu dikriet tat-8 ta' Awissu 2006 kif ukoll tas-sentenza tas-16 ta' Jannar 2014. Fil-fatt il-provvediment tat-8 ta' Awissu 2006 li bih ġiet miċħuda t-talba tal-konvenut biex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu flok jitqies kontumaċi ma kienx dikriet iżda sentenza[1].

7. F'kull każ, kienx dikriet jew kienx sentenza, kull provvediment li bih qorti tagħti deċiżjoni li tolqot id-drittijiet ta' parti għandha tagħti r-raġunijiet għala waslet għal dik id-deċiżjoni. Fil-każ tallum is-sentenza tat-8 ta' Awissu 2006 kellha l-effett li ċaħħad lill-konvenut mill-jedd li jinstema' u li jressaq ix-xiehda tiegħu, jew għall-inqas drastikament naqqsitlu dak id-dritt, u għalhekk kienet provvediment li ċertament kellu jkun motivat.

8. Li qorti tgħid li rat ir-rikors u rat it-tweġiba u li għalhekk tiċħad it-talba ma hijiex motivazzjoni tajba u biżżejjed. Għalkemm hemm l-implikazzjoni li r-raġuni għaċ-ċaħda hija dak li jingħad fit-tweġiba, dan ma huwiex biżżejjed għax ma jagħtix is-serħan il-moħħ li l-qorti qieset sew ir-raġunijiet ta' parti u ta' oħra. Il-qorti tista' taqbel mar-raġunijiet imressqa minn parti iżda trid tagħmilhom tagħha u ma tistax tabdika mill-obbligu tagħha li tagħti deċiżjoni motivata u effettivament tħalli li tkun parti fil-kawża li tagħti l-motivazzjoni tad-deċiżjoni.

---

1 Ara *e.g.* Alfred Piscopo *v.* Direttur tas-Servizzi Soċjali, App. 4 ta' Mejju 1992.

9. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti sejra tilqa' t-talba għat-tħassir tas-sentenza tat-8 ta' Awissu 2006.

10. Dwar il-meritu tat-talba tal-konvenut biex ma jitqiesx kontumaċi, il-qorti tosserva illi hija sodisfatta li n-nuqqas tal-konvenut li jressaq l-eċċezzjonijiet tempestivament ma kienx dovut għal disprezz deliberat għall-awtorità tal-qorti u lanqas għal traskuraġni lampanti iżda għal żball ġenwin dovut x'aktarx għall-età u l-istat mentali tal-konvenut meta kien notifikat bl-atti kif imfisser fir-rikors tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 li jiswa wkoll bħala xiehda ta' dak li jingħad fih billi kien maħluf. Barra minn hekk, il-konvenut kien ġà wera li jrid jikkontesta l-pretensjoni tal-attriċi meta wieġeb għar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

11. Tassew illi l-ġurisprudenza hija x'aktarx rigoruża meta tqis ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw il-kontumaċja[2] u huwa minnu wkoll illi huwa importanti illi t-termini jitħarsu biex ikun hemm ċertezza proċedurali. F'ċirkostanzi iżda fejn ma hemm ebda sfida deliberata għall-awtorità tal-qorti u fejn ma jidhirx li kien hemm negliġenza grassa, li tinsisti fuq il-ħtieġa għal "żball invinċibbli" u "neċessità impellenti" biex ma ċċaħħadx lil parti mill-jedd li tinstema' huwa atteġġjament li ma għadux kompatibbli mar-rispett lejn id-drittijiet fondamentali, fosthom dak millenarju li jitnissel mill-prinċipju *audi et alteram partem*. Ċertament, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, illi l-konvenut jiġi

[2] Ara *e.g.* Vittoria Cassar *v.* Carmelo Vassallo, App. Inf. 29 ta' Mejju 1937, ċitata mill-attriċi fit-tweġiba tagħha għar-rikors tal-15 ta' Marzu 2006.

mċaħħad mid-dritt fondamentali li jinstema' ma kienx sanzjoni proporzjonata għan-nuqqas tiegħu.

12. Il-qorti għalhekk tħassar is-sentenza tat-8 ta' Awissu 2006 u tilqa' t-talba tal-konvenut biex in-nota ta' eċċezzjonijiet minnu preżentata fit-8 ta' Frar 2006 terġa' tiddaħħal fl-inkartament.

13. Dan neċessarjament iwassal biex titħassar ukoll is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2014 li ngħatat bla ma nstemgħet x-xiehda tal-konvenut.

14. L-atti għandhom jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex tisma' u taqta' l-każ ukoll fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. L-ispejjeż kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell ikunu regolati fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr